MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2013

Numru 748/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Fontaine Alexis Marius Jean**
**Havez Benjamin Bernard**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Fontaine Alexis Marius Jean ta' ghoxrin (20) sena, iben Fabrice u Sylvie nee' Dupret, imwieled Franza fit-8 ta' Mejju 1993 u residenti gewwa indirizz mhux maghruf f'Tas-Sliema, detentur tal-Karta ta' l-Identita' Franciza bin-Numru 100976301869 **u** kontra Havez Benjamin Bernard ta' ghoxrin (20) sena, iben Bernard u Valerie nee' Monin, imwieled Franza fit-18 ta' Ottubru 1992 u residenti gewwa indirizz mhux maghruf f'Tas-Sliema, detentur tal-Karta ta' l-Identita' Franciza bin-

Numru 070476304118, talli fis-7 ta’ Awwissu 2013 ghall-habta tal-hamsa ta’ filghodu (5.00a.m.) gewwa San Giljan u f’dawn il-Gzejjer:

1) volontarjament hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe’ bank ta’ l-injam ghad-dannu tal-Kunsill Lokali San Giljan u terzi ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), izda aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2) Volontarjament kisru l-bon ordni jew il-paci pubblika b’ghajjat u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kienu fi stat ta’ sakra u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u b’mod partikolari d-dikjarazzjoni tal-Kunsill Lokali ta’ San Giljan li giet esebita bhala Dok. “DB6”;

Rat illi l-imputati filwaqt li ddikjaraw li ma ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bil-procedura sommarja, irregistraw ammissjoni ghall-akkuzi kollha dedotti kontra taghhom, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzathom bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u ikkoncedietilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkonsidraw lt-twegiba taghhom u jergghu lura minnha;

Rat li l-imputati mhux qed jikkontestaw il-veracità tad-dikjarazzjoni tal-Kunsill Lokali ta’ San Giljan, Dok. “DB6”, dwar l-ispiza mehtiega sabiex il-bank mertu ta’ dan il-kaz jigi rimpjazzat;

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputati ghall-akkuzi kollha dedotti fil-konfront taghhom, il-Qorti ssib lill-istess zewg imputati hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputati ikkoperaw mal-Pulizija, li rregistraw ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u li ddikjaraw li illum stess lesti li jhallsu l-ammont mehtieg biex il-bank meritu ta’ dan il-kaz jigi rimpjazzat. Hadet konjizzjoni wkoll tas-sottomissjoni kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-Difiza li fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz ikun idoneju jekk l-imputati jigu liberati taht kundizzjoni li ma jikkomettux reat iehor fi zmien stipulat mill-Qorti.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 325 (b), 338 (dd) u 338(ff) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li l-Qorti ttenni li fid-dawl ta’ l-ammissjoni taghhom qed issib liz-zewg imputati hatja ta’ l-akkuzi dedotti fil-konfront taghhom, fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz u partikolarment fid-dawl ta’ l-ammissjoni bikrija da parte ta’ l-imputati u tal-fatt li lesti li jhallsu l-ispiza mehtiega sabiex il-bank jigi rimpjazzat, ai termini ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta:

1. Tillibera lill-imputat Fontaine Alexis Marius Jean bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) mid-data ta’ din is-sentenza; u
2. Tillibera lill-imputat Havez Benjamin Bernard ukoll bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) mid-data ta’ din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat liz-zewg imputati bi kliem car u li jinftiehem illi jekk huma jaghmlu xi reat iehor fi zmien il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huma jkunu jistghu jinghataw sentenza ghar-reati trattati f'dawn il-proceduri.

Ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna liz-zewg imputati solidament bejniethom sabiex sa' llum, ossia mhux aktar tard mis-sitta ta' filghaxija (6:00 p.m.), ihallsu f'idejn l-Ispettur Daryl Borg jew rapprezentant tieghu, li ghandu jhalli debita ricevuta, is-somma ta' tliet mija u sebghin Euro u hamsin centezmu (€370.50) rapprezentanti l-valur kif dikjarat mill-Kunsill Lokali ta' San Giljan sabiex il-bank jigi rimpjazzat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------